MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2012

Numru 1396/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Melvyn Camilleri)**

**vs**

**Joseph Bugeja ta' 56 sena iben Joseph u Angela Cassar, mwieled il-Marsa nhar it-18 ta' Settembru 1995 u residenti 14, Beth Zion, Triq C. Tridenti, Swieqi u detentur tal-karta tal-Identita Maltija numru 667855M**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli:

1. Fil-fond Soleado Guesthouse f'Tas-Sliema, f'Dicembru 2011 u fix-xhur ta' qabel, zamm jew ezercita jew kellu sehem fl-ezercizzju ta' burdell jew ta' dar, hanut jew lokal iehor jew ta' xi parti minnhom li huma

ffrekwentati jew mghaduda bhala li huma ffrekwentati ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal xi skopijiet ohra immorali;

2. Fl-istess dati, hinijiet u lokalitajiet, bhala sid jew filwaqt li kellu taht idejh l-amministrazzjoni ta' dar, allogg jew lukanda ippermetta l-uzu taghhom ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali;

3. Fl-istess dati, hinijiet u lokalitajiet, xjentement ghex ghal kollox jew f'parti minn fuq il-qliegh tal-prostituzzjoni ta' persuni ohra.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet lill-imputat jammetti ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-Qorti tghatu zmien ragjonevoli jirrikonsidra l-istess;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

Semghet trattazzjoni dwar il-piena fejn il-partijiet qablu dwar piena idoneja;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, izda ma tistax tinjora l-fatt illi l-imputat gie misjub hati ta' reati simili. Madankollu fic-cirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma illi piena karcerarja ma tkunx idoneja.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 7, 8, 9 u 10 tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, tikkundannah ghall-perjodu ta' sentejn prigunerija, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta dana il-

perjodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien erba' snin mil-lum.

Il-Qati twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------